# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 27 ta' Ottubru 2016

Rikors Guramentat Nru. 209 / 15RGM

Kawza fil-lista: 16

**A B**
**vs**
**L-Avukat Leontine Calleja u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li permezz ta' digriet datat 6 ta' Awwissu 2015 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil C D ta' nazzjonalita' Libaniza, assenti minn dawn il-gzejjer**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Dikjarazzjoni

Ir-rikorrenti tikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li taf hija personalment:

Illi l-partijiet, A B, u C D izzewgu nhar l-ghoxrin (20) ta' Marzu, tas-sena elfejn u disgha (2009) gewwa r-Registru Civili, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom;

Illi minn dan iz-zwieg ma tnisslu ebda tfal;

Illi l-intimat abbanduna d-dar matrimonjali u telaq minn Malta;

Illi l-esponenti giet awtorizzata illi tintavola dawn il-proceduri pernrezz ta’ Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-sittax (16) ta' Settembru, tas-sena elfejn u erbatax (2014);

Illi r-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet mhiex possibbli u kawza bl-ispejjez kontra l-intimat;

Raguni tat-Talbiet

Ir-rikorrenti tikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li taf hija personalment:

Illi l-partijiet, A B, u C D izzewgu nhar l-ghoxrin (20) ta' Marzu, tas-sena elfejn u disgha (2009) gewwa r-Registru Civili, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom;

Illi minn dan iz-zwieg ma tnisslu ebda tfal;

Illi l-intimat abbanduna d-dar matrimonjali u telaq minn Malta;

Illi l-esponenti giet awtorizzata illi tintavola dawn il-proceduri pernrezz ta’ Digriet ta'din l-Onorabbli Qorti tas-sittax (16) ta' Settembru, tas-sena elfejn u erbatax (2014);

Illi r-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet mhiex possibbli u kawza bl-ispejjez kontra l-intimat;

Talbiet

Ghaldaqstant jghid ghalhekk l-intimat ghaliex m'ghandhiex:

1. Tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-intimat;

2. Tiddikjara li l-intimat iddekada minn kull jedd ghall-manteniment tieghu skont il-ligi;

3. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati lill-kontendenti, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala d-data meta l-intimat jigi ikkonsidrat li jkun hati tal-firda b'tali mod li hu jitlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-esponenti skont il-ligi, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nonrirrandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att

relattiv, kif ukoll kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

4. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. Tezenta lill-esponenti milli tkun responsabbli ghal dejn li l-intimat ghandu jew jista' jkollu;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti kuraturi li ddikjaraw li f'dan l-istadju m'humiex edotti mill-fatti u rrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirrnexxielhom jikkomunikaw mal-konvenut assenti;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2015, fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Barbara O'Brien bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma' nota pprezentata fil-5 ta' Novembru 2015;

Rat in-nota tal-attrici pprezentata fil-11 ta' April 2016;

Rat in-nota tal-konvenuti kuraturi tat-12 ta' April 2016, li maghha gew annessi l-ittri skambjati bejn l-avukati, fejn ntalbu dettalji dwar l-assenti;

Rat li l-kawza s-seduta tat-28 ta' Gunju 2016, fejn il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

**L-attrici, A B,** fl-affidavit taghha mahluf fit-3 ta' Novembru 2015, Fol 18, tiddikjara li ltaqat mal-konvenut C D fit-2007, kellhom relazzjoni ta' sentejn u wara izzewgu fir-Registru Civili fit-2009.

Tghid li z-zwieg taghhom kien wiehed normali ghall-ahhar. Hu kien isiefer ta' spiss biex jara lill-familja tieghu fil-Lebanon, fis-sentejn taz-zwieg taghhom. Pero' l-ahhar safra tieghu kienet wahda differenti minn tas-soltu ghax telaq ma huh li kien hawn Malta fuq btala izda ma regax gie lura. Hi kkonfermat li qatt ma ghamel kuntatt maghha wara li telaq minn Malta u qatt ma kellha informazzjoni jekk giex lura Malta jew le. Tfal minn dan iz-zwieg ma kienx hemm.

Mic-certifikat taz-zwieg , Fol 4 , jirrizulta li l-partijiet zzewgu civilment fl-20 ta' Marzu 2009. Skont l-attrici iz-zwieg taghhom dam sentejn, ghalkemm ma gietx indikata gurnata preciza meta l-konvenut telaq u ma giex lura, dan kien presumibilment fis-sena 2011.

Fin-nota pprezentata fil-11 ta' April 2016 l-attrici 'inter alia' ddikjarat li ilha zmien ma tikkomunika mal-konvenut, billi dan ma ghadux jghix f'Malta. L-Avukat tal-attrici, b'ittra tas-7 ta' Dicembru 2015, Fol 33, kkonferma li l-attrici ma ghandha l-ebda hjil jekk il-konvenut hux jghix Malta jew le.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

L-attrici qed tipprocedi b'kawza ta' separazzjoni personali kontra il-konvenut zewgha, billi dan abbanduna d-dar matrimonjali u telaq minn Malta permanentement minghajr ebda raguni gustifikanti.

Il-kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw lill-konvenut assenti minn dawn il-Gzejjer ma rnexxhielhomx jikkommunikaw mal-konvenut, ghalhekk ghat-talbiet tal-attrici ma gewx mohtija eccezzjonijiet fil-meritu.

L-**Artikolu 41 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

" Kull wahda mill-partijiet mizzewga, tista' ukoll titlob il-firda jekk, ghal sentejn jew izjed, tkun abbondonata mill-ohra, minghajr raguni tajba".

**Artikolu 48** imbaghad jelenka il-konsegwenzi ghal min mir-ragel jew l-mara jaghti lok ghall-firda, meta l-htija tkun wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 38, l-adulterju u l-Artikolu 41, l-abbandun, fosthom it-telfa tad-drittijiet successorji mill-konjugi, donazzjonijiet bi hsieb taz-zwieg, il-jedd ghan-nofs tal-akkwisti u l-manteniment.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Giuseppa Camilleri pro et noe vs Rocco Camilleri**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Novembru 1964 ntqal li:

" L-essenza tal-abbandun tirrisjedi fil-persistenza u l-kontinwita' ta' wiehed jew wahda mill-konjugi illi jghix apparti mill-konjugi l-ohra jew l-iehor, skont il-kaz, minghajr raguni tajba."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Jane sive Giovanna Cordina vs Avukat Dottor Albert V Grech et noe**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Jannar 1965 ntqal:

" Biex l-abbandun jkun kawzali ta' separazzjoni personali hemm bzonn li

(1) jkun ghall-perijodu ta' almenu sentejn u

(2) li jkun minghajr giusta kawza.

L-apprezzament ta' cirkostanzi ta' fatt jekk tezistix jew le giusta kawza huwa mholli fil-kriterju tal-gudikant".

Ikkunsidrat;

Fil-kaz in ezami, rrizulta li l-konvenut abbanduna id-dar matrimonjali fit-2011. Ghad-differenza ta' drabi ohra meta kien isiefer wahdu biex jara lill-membri tal-familja fil-Lebanon u dejjem irritorna, fl-ahhar vjagg mar ma' huh, u la rritorna u lanqas b'xi mod ikkommunika mall-attrici. Qatt ma regghat ratu jew kellmitu minn dakinhar li telaq. Ma tafx fejn hu ghax qatt ma rega' ikkommunika maghha. Il-kawza giet ipprezentata fit-22 ta' Settembru 2015, cioe' circa erba snin minn meta l-konvenut siefer u ma giex lura.

L-attrici, fl-affidavit taghha ddikjarat li z-zwieg taghhom 'kien wiehed normali ghall-ahhar', u ghalhekk l-konvenut ma kien bl-ebda mod gustifikat li jabbanduna id-dar matrimonjali. Ma kienx hemm dak li fis-sentenzi jissemma bhala 'giusta kawza'; il-konvenut ma kellu assolutament l-ebda gustifikazzjoni li jabbanduna lill-attrici martu 'bla kliem u bla sliem'.

It-talbiet attrici jirrizultaw ipprovati u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tiddisponi mir-risposta tal-kuraturi deputati ghall-assenti,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi u dan ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut minhabba abbandun ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tilqa' it-tieni talba attrici u tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kull jedd ghall-manteniment minghand l-attrici;

3. Tilqa' in parti t-tielet talba attrici u tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti gja' ezistenti bejniethom u tastjeni milli tipprovdi dwar id-divizzjoni tal-istess billi ma sarux provi dwar il-konsistenza ta' dawn l-assi;

4. Tilqa' ir-raba' talba attrici, u tapplika kontra l-konvenut, interament id-disposizzjonijiet u s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Tilqa' il-hames talba attrici u tiddikjara illi d-dejn li ghamel il-konvenut mis-sena 2011 'il quddiem ghandu jaghmel tajjeb ghalih il-konvenut esklussivament.

Bl-ispejjez kontra il-konvenut b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghall-assenti ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**